



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta' Lulju 2016
(OR. en)

11358/16

LIMITE

PV/CONS 41
AGRI 423
PECHE 282

ABBOZZ TA' MINUTI¹

Suġġett: It-**3481** laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
(**AGRIKOLTURA U SAJD**), li saret fi Brussell fit-18 ta' Lulju 2016

¹ L-informazzjoni dwar deliberazzjonijiet legiſlattivi tal-Kunsill, dwar deliberazzjonijiet oħrajn tal-Kunsill miftuħin għall-pubbliku u dwar dibattiti pubbliċi tinstab fl-Addendum 1 għal dawn il-minuti.

WERREJ

Paġna

1. Adozzjoni tal-aġenda	3
-------------------------------	---

ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI

2. Approvazzjoni tal-lista ta' punti "A"	3
--	---

DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI

3. Approvazzjoni tal-lista ta' punti "A"	3
--	---

ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI

4. Programm ta' Ħidma tal-Presidenza	3
--	---

5. Is-sitwazzjoni tas-suq u miżuri ta' appoġġ	4
---	---

6. Kwistjonijiet ta' kummerċ agrikolu internazzjonali	4
---	---

7. Simplifikazzjoni tal-PAK Rieżami tal-ekoloġizzazzjoni wara sena.....	5
---	---

8. Affarijiet oħra	5
--------------------------	---

- a) Eżitu tal-Konferenza ta' Esperti Internazzjonali dwar it-“Tisħiħ tal-Pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel” (Bratislava, mit-30 ta’ Ġunju–sal-1 ta’ Lulju 2016)
- b) In-nixfa u l-impatt fuq prodotti ta' raba li jinħadmu fil-Polonja
- c) Nar katastrofiku f'Ċipru
- d) Problemi li jirriżultaw mill-projbizzjoni fuq l-użu ta' fosfonati tal-potassju għall-protezzjoni ta' pjanti fi produzzjoni organika
- e) Importazzjonijiet tar-ross minn pajjiżi tal-EBA
- f) Theddida kkawżata mill-marda tal-infafet fil-ġilda fl-Unjoni

ANNEX - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill	7
--	---

*

* *

1. **Adozzjoni tal-aġenda**

11078/16 OJ CONS 40 AGRI 406 PECHE 269

Il-Kunsill adotta l-aġenda msemmija hawn fuq.

ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI

2. **Approvazzjoni tal-lista ta' punti "A"**

11103/16 PTS A 64

Il-Kunsill adotta l-punti "A" elenkati fid-dok. 11103/16.

Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-Anness. Il-Kunsill ħa nota tad-dikjarazzjoni tas-Slovenja dwar punt 31.

DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

3. **Approvazzjoni tal-lista ta' punti "A"**

11102/16 PTS A 63

Il-Kunsill adotta l-punti "A" elenkati fid-dok. 11102/16.

Id-dokumenti fil-punt 1 għandhom jaqraw kif ġej:

Punt 1: 10789/1/16 REV 1 CODEC 991 AGRI 384 AGRILEG 104 PHYTOSAN 19
+ REV 1 ADD 1 REV 1
+ REV 1 ADD 1 REV 1 COR 1
8795/16 AGRI 253 AGRILEG 65 PHYTOSAN 10 CODEC 634
+ COR 1 (sl)
+ COR 2 (cs)
+ REV 1 (pl)
+ ADD 1

Id-dettalji dwar l-adozzjoni ta' dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI

4. **Programm ta' Ħidma tal-Presidenza**

= Preżentazzjoni mill-Presidenza

(Dibattitu pubbliku f'konformità mal-Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)

Il-Presidenza Slovakka tat preżentazzjoni pubblika dwar il-programm ta' ħidma u l-prijoritajiet tagħha fir-rigward tal-kwistjonijiet tal-agrikoltura u s-sajd.

5. Is-sitwazzjoni tas-suq u miżuri ta' appoġġ

= Informazzjoni mill-Kummissjoni u skambju ta' fehmiet
11022/16 AGRI 400 AGRIFIN 83 AGRIORG 60

Il-Kunsill ħa nota tal-aġġornament mill-Kummissjoni dwar l-iżviluppi tas-suq u dwar sett ta' miżuri ġodda ta' appoġġ, is-suġġerimenti u l-kummenti tad-delegazzjonijiet, u r-reazzjoni tal-Kummissjoni.

Il-Kunsill approva inġenerali l-miżuri l-ġodda, filwaqt li nnota li l-atti legali li jpoġġu dawn il-miżuri fis-seħħ ser jiġu skrutinizzati skont il-proċeduri tas-soltu, li l-introduzzjoni ta' dawn il-miżuri ser tibqa' tiġi osservata u li l-effikaċja tagħhom ser tiġi vvalutata fi żmien debitu.

Il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni biex tieġu l-passi meħtieġa fil-proċedura baġitarja biex l-appoġġ finanzjarju korrispondenti jkun disponibbli.

Sabiex tiġi ffaċilitata implimentazzjoni effettiva u rapida tal-miżuri u l-inizjattivi proposti l-Kunsill inkariga lill-KSA bis-segwitu tagħhom.

Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-informazzjoni pprovduta mill-Polonja dwar in-nixfa u l-impatt tagħha kif tinsab fi 11125/16.

6. Kwistjonijiet ta' kummerċ agrikolu internazzjonali

= Preżentazzjoni mill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni attwali
= Skambju ta' fehmiet
11023/16 AGRI 401 AGRIORG 61 WTO 206

Il-Kunsill ħa nota tal-aġġornament mill-Kummissjoni dwar kwistjonijiet ta' kummerċ agrikolu internazzjonali, tal-punt tad-Delegazzjoni Taljana taħt affarijiet oħrajn fuq l-importazzjonijiet tar-ross kif imniżżel fid-dok. 11144/16, kif ukoll tal-mistoqsijiet u l-fehmiet tad-delegazzjonijiet. Il-Presidenza ser tistieden lill-Kummissjoni b'mod regolari biex taġġorna lill-Kunsill dwar kwistjonijiet ta' kummerċ agrikolu internazzjonali.

7. **Simplifikazzjoni tal-PAK Rieżami tal-ekoloġizzazzjoni wara sena**

= Informazzjoni mill-Kummissjoni u skambju ta' fehmiet
11025/16 AGRI 403 AGRIORG 62 AGRILEG 105 AGRIFIN 85 AGRISTR 41

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mir-rappreżentant tal-Kummissjoni dwar ir-rieżami tal-miżuri ta' ekoloġizzazzjoni bħala parti mill-eżerċizzju ta' simplifikazzjoni, u l-passi proposti li jmiss, u tal-kummenti tad-delegazzjonijiet.

Il-Presidenza ser twassal il-punti ewlenin mill-iskambju ta' fehmiet lill-Kummissjoni bil-miktub.

8. **Affarijiet oħra**

a) **Eżitu tal-Konferenza Internazzjonali tal-Esperti "Tisħiħ tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel" (Bratislava, 30 ta' Ġunju 1 ta' Lulju 2016)**

= Informazzjoni mill-Presidenza
11099/16 AGRI 411 AGRILEG 108

Il-Kunsill ħa nota ta' rapport qasir mill-Presidenza dwar konferenza li saret fi Bratislava bejn 30/6 u 1/7 dwar "It-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel", li l-eżitu tagħha ser ikompli jiġi diskuss aktar fil-laqgħa Ministerjali informali fi Bratislava bejn il-11 u t-13 ta' Settembru.

b) **In-nixfa u l-impatt fuq prodotti ta' raba li jinħadmu fil-Polonja**

= Informazzjoni mid-delegazzjoni Pollakka
11125/16 AGRI 413 AGRIORG 63 AGRIFIN 88

Il-punt 8 b) ġie indirizzat fil-punt 5.

c) **Nar katastrofiku f'Ċipru**

= Informazzjoni mid-delegazzjoni Ċiprijotta
10657/16 AGRI 373 AGRIFIN 79

Il-Kunsill ħa nota tat-tħassib espress mid-delegazzjoni Ċiprijotta dwar in-nirien katastrofiċi fil-foresti f'Ċipru u t-talba tagħha għal appoġġ u solidarjetà mill-Kummissjoni u l-Istati Membri. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-kumment li sar minn delegazzjoni waħda u r-reazzjoni tar-rappreżentant tal-Kummissjoni.

d) Problemi li jirriżultaw mill-projbizzjoni fuq l-użu ta' fosfonati tal-potassju għall-protezzjoni ta' pjanti fi produzzjoni organika

= Fuq talba mid-delegazzjoni Ċeka
11115/16 AGRI 412 AGRILEG 110 PHYTOSAN 21

Id-delegazzjoni Ċeka, appoġġata mid-delegazzjoni Ġermaniża, qajmet il-kwistjoni tal-projbizzjoni ta' fosfonati tal-potassju kontra l-moffa u enfasizzat l-impatt negattiv għas-settur organiku. Il-Kunsill ħa nota tat-talba li saret mid-delegazzjoni Ċeka u t-tweġiba mir-rappreżentant tal-Kummissjoni.

e) Importazzjonijiet tar-ross minn pajjiżi tal-EBA

= Fuq talba mid-delegazzjoni Taljana
11144/16 AGRI 415 AGRIORG 64

Il-punt 8 e) ġie indirizzat fil-punt 6.

f) Theddida kkawżata mill-marda tal-inafet fil-ġilda fl-Unjoni

= Fuq talba mid-delegazzjoni Awstrijaka
11267/16 VETER 75

Il-Kunsill ħa nota tat-talba Awstrijaka fir-rigward tal-marda tal-inafet fil-ġilda kif imniżżla fid-dok. 11267/16, tal-appoġġ ġenerali mid-delegazzjonijiet għat-talba Awstrijaka u tar-reazzjoni tar-rappreżentant tal-Kummissjoni.

DIKJARAZZJONIJIET GĦALL-MINUTI TAL-KUNSILL

Dwar il-punt “A” **Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-**
nru 3: **Kummissjoni biex tiftaħ negozjati f'isem l-Unjoni Ewropea għall-**
 konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli u Protokoll
 mar-Repubblika tal-Kenja
 = **Adozzjoni**

DIKJARAZZJONI NRU 1 MILL-KUMMISSJONI

“Il-Kummissjoni ma tqisx li hu meħtieġ li Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati tindika bażi legali sostantiva.”

DIKJARAZZJONI NRU 2 MILL-KUMMISSJONI

“Skont l-Artikolu 31(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, il-Kummissjoni tirrikonoxxi għalkollox l-importanza tal-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u l-ħtieġa konsegwenti li tiġi żgurata implimentazzjoni kif suppost tal-kunċett tal-eċċessi, kif espress fl-Artikolu 62(2) tal-UNCLOS, b'mod partikolari meta l-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli u l-protokoll relataxi jirregolaw l-aċċess tal-flotta esterna tal-UE għal riżorsi distribwiti f'ilmijiet tal-pajjiż sieħeb.

Madankollu, rigward l-Artikolu 64 tal-UNCLOS u l-Artikolu 31(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-Kummissjoni tqis li l-kunċett ta' eċċessi japplika inqas għal attivitajiet tas-sajd li jisfruttaw speċijiet li jpassu ħafna, fejn l-oġettivi ta' ġestjoni u l-miżuri ta' ġestjoni – ir-regoli dwar aċċess ta' prijorità, il-qabda, il-kapaċità jew il-limiti tal-isforz, u l-kondiviżjoni ta' għodod fejn ikun rilevanti – għandhom jiġu stabbiliti primarjament fil-livelli reġjonali jew sottoreġjonali mill-Partijiet Kontraenti għall-Organizzazzjonijiet ta' Ġestjoni tas-Sajd Reġjonali, b'kont debitu meħud tal-pariri xjentifiċi rilevanti.”

**Dwar il-punt “A”
nru 27:**

Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) .../... tat-23.5.2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kriterji li għandhom x'jaqsmu ma' metodoloġija għall-iffissar tar-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli = Intenzjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet għal att delegat

DIKJARAZZJONI MIN-NETHERLANDS, IL-FINLANDJA U L-BELĠJU

“In-Netherlands, il-Finlandja u l-Belġju jilqgħu b'mod ġenerali l-adozzjoni mill-Kummissjoni tar-regolament delegat fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kriterji li għandhom x'jaqsmu ma' metodoloġija għall-iffissar tar-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli (MREL, C(2016)2976)), iżda jixtiequ jesprimu n-nuqqas ta' sodisfazzjon tagħhom rigward uħud mill-emendi magħmula mill-Kummissjoni f'dan ir-regolament delegat, meta mqabbel mal-abbozz ta' Standards Tekniċi Regolatorji (RTS) imħejji mill-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE)².

B'mod partikolari, in-Netherlands, il-Finlandja u l-Belġju jinsabu ddispjaċuti dwar l-ommissjoni tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(1) tal-abbozz ta' RTS tal-ABE, li jispeċifika li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jivvalutaw jekk il-MREL għal istituzzjonijiet li x'aktarx li jkunu ta' riskju sistemiku f'każ ta' falliment hijiex biżżejjed biex jingħata aċċess għall-fond ta' riżoluzzjoni kif stipulat fl-Artikolu 44(5)a u 44(8) tad-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek (Direttiva 2014/59/UE), b'mod partikolari fir-rigward ta' kontribuzzjoni minima għall-assorbiment tat-telf u ta' rikapitalizzazzjoni ta' 8 % tat-total ta' obbligazzjonijiet u fondi proprji fir-riżoluzzjoni. In-Netherlands, il-Finlandja u l-Belġju ma jaqblux mal-fehma espressa mill-Kummissjoni li din id-dispożizzjoni fl-abbozz ta' RTS tal-ABE mhijiex konformi mal-BRRD.

Filwaqt li jiddispjaċihom dwar l-ommissjoni ta' din id-dispożizzjoni, in-Netherlands, il-Finlandja u l-Belġju jqisu li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni huma kapaċi jaġixxu kif previst fid-dispożizzjoni tal-abbozz ta' RTS tal-ABE. Għaldaqstant, in-Netherlands, il-Finlandja u l-Belġju mhux ser jopponu l-adozzjoni ta' dan ir-regolament delegat, ukoll bil-ħsieb li jiġi evitat aktar dewmien fl-adozzjoni tar-regolament delegat.

Fl-aħħar nett, bil-ħsieb tal-proposta li jmiss tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-istandard tal-Kapaċità Totali ta' Assorbiment tat-Telf (TLAC) u r-rieżami tal-qafas MREL attwali n-Netherlands, il-Finlandja u l-Belġju jissottolinjaw l-importanza li jittieħed kont dovut tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-pjan direzzjonali għat-tlestija tal-Unjoni Bankarja³. F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li l-Kunsill kien qabel li jfittex li jiżgura regoli konsistenti u ammonti adegwati għall-buffers tar-rikapitalizzazzjoni interna li jikkontribwixxu għal proċess ta' riżoluzzjoni effiċjenti u ordnat f'konformità mal-BRRD għall-istituzzjonijiet kollha ta' kreditu li għalihom ir-rikapitalizzazzjoni interna tkun l-istrateġija valida ta' riżoluzzjoni.”

² L-abbozz finali ta' Standards Tekniċi Regolatorji tal-ABE dwar il-kriterji li jiddeterminaw ir-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli skont id-Direttiva 2014/59/UE, 3 ta' Lulju 2015

³ 10460/16

DIKJARAZZJONI MINN FRANZA

“Franza tissottolinja li ċerti aspetti tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni li jispeċifikaw il-kriterji relatati mal-metodoloġija għall-istabbiliment tar-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli (“MREL”) mhumiex adegwati, b’mod partikolari billi daww il-kriterji jmorru lil hinn minn dak previst fid-Direttiva 2014/59/UE tal-15 ta’ Mejju 2014:

- L-Artikolu 3(3) tar-Regolament Delegat jipprevedi valur limitu ta' 10 % għall-obbligazzjonijiet li jistgħu jiġu esklużi minn rikapitalizzazzjoni interna skont l-Artikoli 44(2) u 44(3) tad-Direttiva 2014/59/UE. Meta l-ammont ta' dawn l-obbligazzjonijiet jaqbeż dan il-valur limitu, ir-Regolament Delegat jirrikjedi li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jivvalutaw jekk iżidux il-livell tal-MREL. Dan il-valur limitu mhuwiex previst fid-Direttiva;
- Ir-Regolament Delegat huwa bbażat fuq interpretazzjonijiet dubjużi tad-Direttiva 2014/59/UE, pereżempju fejn jipprevedi għal kalkolu ta' MREL li jirdoppja l-proporzjon ta' lieva (Artikolu 1(2)(e) u 2(6)(d)) u fejn dan jipprevedi li l-ammont ta' rikapitalizzazzjoni għandu jippermetti r-rikostituzzjoni tal-baġers tal-kapital totali (fl-Artikoli 1(2) (c) u 2(8)).

Madankollu, Franza ma topponix formalment dan ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni, b'kont meħud ta':

- il-ħtieġa ta' applikazzjoni rapida tar-Regolament Delegat sabiex l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jkunu jistgħu jiddeterminaw ir-rekwiżiti MREL fil-mira sa tmiem l-2016, kif previst fid-Direttiva 2015/59/UE; Franza ma tixtieqx ixxekkel l-implimentazzjoni f'waqtha tal-qafas Ewropew għall-irkupru u r-riżoluzzjoni;
- il-fatt li l-Kummissjoni Ewropea ħabbret l-intenzjoni tagħha li tipproponi emenda għad-Direttiva 2014/59/UE tal-15 ta’ Mejju 2014 sabiex timplimenta r-rekwiżit tal-kapaċità totali ta' assorbiment tat-telf (“TLAC”) kif adottat mill-Bord għall-Istabilità Finanzjarja u li b'hekk jemenda d-dispożizzjonijiet relatati mal-MREL; ir-Regolament Delegat wara ma jkunx aktar applikabbli u jkollu jerġa' jiġi emendat skont dan sakemm ma jitħassarx.”

**Dwar il-punt “A”
nru 32:**

Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa waħda, u l-Kosovo*, min-naħa l-oħra, fir-rigward tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni li tadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

“Il-Kummissjoni, filwaqt li tfakkar fid-dikjarazzjonijiet tagħha fl-okkażjoni tal-adozzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u l-Kosovo*, min-naħa l-oħra, ma taqbilx maż-żieda tal-Artikolu 37 TUE bħala bażi legali sostantiva għad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea rigward l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni minħabba li mhumiex relatati ma' kwistjonijiet tal-PESK.

Barra minn hekk, f'konformità mal-każistika, b'mod partikolari l-kawżi C-81/13, ir-Renju Unit vs il-Kunsill u C-658/11, il-Parlament Ewropew vs il-Kunsill, ir-regoli tal-votazzjoni għad-deċiżjonijiet tal-Kunsill skont l-Artikolu 218(9) TFUE huma stabbiliti fl-Artikolu 218 (8)(1), TFUE. Iż-żieda tal-Artikolu 31 TUE bħala bażi legali proċedurali għaldaqstant hija ksur dirett tal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti.

Il-Kummissjoni tiriserva d-drittijiet kollha tagħha.”

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.